# It-tberik u t-tlugħ tal-bandiera l-Kbira

Fil-festa tas-sena l-oħra. Cioe' fis-sena 2007 l-Għaqda ta' l-Armar 25 ta' Novembru żanżnet il-bandiera l-kbira li saret għal fuq l-arblu li jiġi mtellgħa ta' kull sena fir-roundabout ta' vjal il-25 ta' Novembru.

Propju fid-9 ta' Ġunju 2007 wara l-quddiesa tas-6.30pm fuq il-presbiterju tal-knisja parrokkjali il-membri ta' l-armar ħarġu il-bandiera, li kienet imkebba, fuq karru u fil-preżenza tal-benefatturi infushom, il-bandiera ġiet imbierka mill-Arċipriet tal-Parroċċa Fr. Eric Overend. Wara il-benefatturi ġew preżentati b'token żgħir ta' l-okkażjoni.

Matul il-lejl ta' wara l-bandiera ġiet minxura fuq wire li sar apposta mill-kampnar tan-naħa tax-xellug għal fuq is-sala parrokkjali, fejn wara ġiet miġmugħa lejn in-naha tal-kampnar bi preparazzjoni għal ċerimonja li kellha issir l-għada filgħodu.

Il-Ħadd 10 ta' Ġunju 2007 għal ħabta ta' l-10.30Am il-Banda ta' l-Boys Scouts taż-Żejtun għamlu parata, ta' l-okkażjoni, mis-sede tagħhom, id-Domus tul Triq San Girgor sa quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali fejn l-Arċipriet flimkien mal-membri ta' l-Għaqda ġibdu l-ħabel li bih il-bandiera nfetħet b'mod dominanti ma' tul iz-zuntier fost l-ammirazzjoni ta' dawk kollha preżenti.

Fis- 16 ta' Ġunju 2008, lejlet il-festa, għal ħabta ta' l-10.15Am diversi persuni inġabru ħdejn ir-roundabout fi Vjal il-25 ta' Novembru, sabiex jassistu għal ewwel tlugħ tal-bandiera fuq l-arblu tagħha. Bla dubju fost sparar ta' salut li nħaraq għal okkażjoni mill-Għaqda tan-nar, il-bandiera ġiet imtellgħa mill-Arċipriet flimkien mal-membri ta' l-Għaqda ta' l-Armar. Iż-żiffa ħelwa li bdiet tfewweġ f'dik il-għodwa malajr fetħet il-bandiera grandjuża u kienet tassew ġurnata memorabbli li tara l-akbar bandiera f'Malta tperper.

Il-kummenti li rċevejna fuq din il-bandiera kienu kollha pożittivi u kull minn imexxilu jara din il-bandiera apprezza ir-reqqa u s-sbuħija tagħha.

Wara li l-bandiera reġgħet ittellgħet f'jum il-festa, l-bandiera reġgħet ittieħdet għand is-Sur Joseph Tanti fejn huwa kompla jiżbogħ il-bandiera min-naħa l-oħra.

Din is-sena nistgħu ngħidu li l-bandiera hija lesta minn kollox u mingħajr dubju tkompli tagħmel ġieħ mhux biss lil membri ta' l-Għaqda ta' Armar, iżda liż-Żwieten kollha. Grazzi u Prosit.






VIVA
SANTA KATARINA V.M.




TEWMI
motoring school
Stop Dreaming....
TEWMI
Phone now on:
99 422 422
....Start Driving